QALA

Ref Nru 3

Il-minuti tat-tielet laqgha tas-sebgha leglislatura tal-Kunsill Lokali Qala li nzammet nhar it-Tnejn 1 ta' Gunju 2015, fis-6:00 ta' filghaxija fl-ufficcju amministrattiv tal-Kunsill.

Prezenti:

| | |
|---|---|
| Sindku: | Clint Camilleri |
| Vici Sindku: | Paul Buttigieg |
| Kunsillieri: | Paul Buttigieg<br>Jesmond Borg<br>Karl Buttigieg |
| Segretarja Ezekuttiva: | Marcia Borg |

Skuzat:

| | |
|---|---|
| Ambaxxatur: | Christoph Caruana |

## 1 Talba

1.1 Il-laqgha nbdiet permezz ta' talba u giet preseduta mis-Sindku.

## 2 Propost Progett fl-*area* ta' Wied is-Simar.

2.1 Is-Sindku semma li huwa sejjah din il-laqgha sabiex tigi diskussa il-materja dwar il-propost progett fl-*area* ta' Wied is-Simar. Huwa semma li l-Gvern Centrali hareg *expression of interest* sabiex isir zvilupp fil-barrieri tal-blat tal-qawwi limiti ta' Ghar id-Dar. Huwa semma li gie informat minn Kastilja li l-Gvern Centrali ma ha ebda decizjoni dwar dan il-progett. Is-Sindku semma li l-Periti li ppreparaw *artistic design* rebhu premju u ghalhekk insertjawh fil-*website* taghhom. Huwa semma wkoll li jekk isir dan l-izvilupp, ir-residenti Qalin ser jigu effettwati u ghalhekk ghandha tintbghat ittra lil Ministeru ghal Ghawdex u Kastilja fejn jigi mitlub aktar informazzjoni u dettalji dwar x'ser jigri. Il-Kunsill qabel ma dan.

2.2 Il-Kunsillier Paul Buttigieg semma li huwa talab sabiex issir din il-laqgha peress li ra fuq il-gazzetti lokali li dan il-progett ser ikun jinkludi *yacht marina* u *cruise terminal* izda huwa sar jaf li ser ikun hemm il-vilel ukoll. Huwa semma li bhala Kunsill ghandha tinhareg *press release* dwar dan kif ukoll biex jigu nformati n-nies li l-Kunsill ma kienx jaf b'dan il-progett u li qed jitlob laqghat dwar dan l-istess progett. Huwa semma li fil-gazzetta ta' *The Times* kien hemm li x-xoghol huwa f'idejn il-*privitisation unit* u li jkun ahjar kieku l-ittra li ser tintbghat mill-Kunsill, tintbghat lilhom ukoll. Huwa semma li fl-ittra ghandu jigi mitlub li l-Kunsill ghandu jkun involut fit-tahdidiet li jsiru dwar dan il-propost progett. Il-Kunsill qabel ma dan.

QALA

Gew diskussi xi materji ohra:

Is-Sindku semma li ser jitkomplew ix-xogholijiet dwar il-*pipeline* tal-ilma fi Triq Hondoq r-Rummien u li Triq l-Imgarr dalwaqt suppost li ser isir bit-tarmak ukoll.

Is-Sindku semma li l-Perit Edward Scerri ipprepara pjanta dwar it-tabelli li jaghtu indikazzjoni lis-sid tal-barriera tal-blat tal-qawwi dwar r-rotta li jrid juza. Din intbghatet fl-ufficju tat-Trasport Malta, t'Ghawdex u minn hemm ntbghatet fl-ufficcju ta' Malta. Huwa semma li qed isir *follow up* ta' din it-talba sabiex jinhareg il-permess sabiex ikunu jistghu jigu mwahhla dawn it-tabelli. Is-Sindku semma li giet mibghuta *email* lil Road Construction Co. Ltd. biex jghaddi mit-triq kif suppost kif ukoll huwa cempel lil kuntrattur u l-kuntrattur informah li huwa ma jsib ebda problema sabiex jghaddi mir-rotta li huwa ghandu fil-permess. Gie deciz li ghandha jsir laqgha ma Road Construction Co. Ltd. dwar il-kundizzjoni li huwa ghandu fil-permess dwar Lm2,000 fis-sena li jrid jaghti lill-Kunsill ghal manutenzjoni ta' toroq, sabiex jigi diskuss dwar kif ser isir ix-xoghol ta' manutenzjoni ta' toroq.

Il-laqgha ntemmet fis-7:00 ta' filghaxija. Laqgha ohra giet stabbilita ghal nhar it-Tlieta 21 ta' Lulju 2015.

| | |
|---|---|
| Clint Camilleri | Marcia Borg |
| Sindku | Segretarja Ezekuttiva |